TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru 15/78

Kaz Num. 16

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Mifsud
u
Il-Malta Hilton Ltd

Chairman : G.A. Craig

Data: 13 ta' Gunju, 1978

B'ittra tal-5 ta' Mejju, 1978 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-artiklu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kas huwa dwar tkeccija ta Joseph Mifsud mill-Kumpanija The Malta Hilton Limited, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom dehru ghal Malta Hilton Ltd. is-Sur Joseph Abela Fitzpatrick Comptroller fil Malta Hilton assistit mis-Sur A Buttigieg de Piro il-General Manager, waqt li s- Sur Joseph Mifsud irrapprezenta lilu n-nifsu. F'dawn is-seduti instemghu bhala xhieda ta' l-appellant Joseph Mifsud, Joseph Mifsud innifsu, Emanuel Zammit, Anthony Galea, Joseph Ebejer, Christopher Vella, Walter Amato u ghall-Kumpanija Alfred Consiglio, Ronal Gaffiero, Francis Coleiro, Joseph Drury, Raymond Spiteri, Aronne Scerri u Victor Portelli.

3. Joseph Mifsud tkecca minn mal-Malta Hilton, San Giljan bhala 'Barman' fl-14 ta' Jannar, 1978 wara li l-Kumpanija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha.

4. <u>Statements of Case</u> - Fl-statement of case tieghu Joseph Mifsud issottometta illi:

4.1 Fl-14 ta' Jannar, 1978, waqt li kien qed jahdem ta' 'Barman' fil-Falcon Bar tal-Malta Hilton, ghal habta ta' xi nofs il-lejl, waqt li kien 'barman' wahdu ghax il-'barman' siehbu illarga ftit ghal xi hin, mar klient fuq il-'counter' u waqt li ordna 'brandy' qallu li xi hadd kien nehhielu fl-ixkun 'ginger ale' min fuq il-mejda tieghu. Hu spjegalu li dan seta' ġara biss bi svista u biex jevita 'complaint' offrielu fl-ixkun 'ginger ale' minghajr hlas kif soltu jsir f'kazi simili.

/........

4.2 Ghamel ic-'chit', fuqa nizzel 'brandy - 50 cents u li meta ghadda il-kont ta' 50 cents lill-klient, dan tah 60 cents u li hu hada bhala haga ovvja li l-10 cents kienu bhala 'tip' u ghalhekk tah irdovuta ghal 50 cents u ghadda 50 cents lill-'cashier'.

4.3 F'xi hin il-kaxxier ghamillu xi osservazzjoni fuq dan il-kaz izda wara li tah spjegazzjoni ta' dak li gara hu fihem li l-ispjiegazzjoni tieghu giet accettata ghax l-kaxxier ma k-konsultax mal 'Head Waiter' u anqas ma l-'Assistant Head Waiter' kif dejjem isir meta tinqala xi problema li dwarha ma jkunx hemm qbil.

4.4 Ghalhekk ma kien hemm ebda raguni li tiggustifika tkeccija u li ma kienx hemm kawza gusta ghat-tkeccija u li ghalhekk kellu jinghata lura l-impjieg u jithallas taz-zmien li kien barra mill-impjieg.

5. Min-nahha l-ohra il-kumpanija issottomettiet illi:

5.1 Il-terminazzjoni tal-impieg ta' Joseph Mifsud kienet gustifikata,dan:

a. kiser l-ordnijiet dwar il-procedura fit-tmexxijja tal-'Bar';
b. ha flus tal-kumpanija;
c. li hu kien jaf bir-regola ta' kif jitmexxa il-'Bar' u li ftit granet qabel l-incident il-'Head barman' kien ha lil Joseph Mifsud quddiem delegat tad-dipartiment ikkoncernat tal-Union fejn ikkonfermawlu il-procedura;
d. li Joseph Mifsud kien jaf ukoll li l-Hilton Hotel kienet tat twissijja serja hafna lill-istaff tal-Bar li ma kienitx sejra tittollera ebda nuqqas la fil-procedura tat-tmexxija tal-Bar u l-anqas mill-'cash - takings!

6. Il-kumpanija is-sottomettiet wkoll kopja ta dawn id-dokumenti:

a. rapport dwar l-envestigazzjoni li ghamlet il-kumpanija dwar l-kaz qabel ma Joseph Mifsud gie mkecci u kopji ta' dokumenti li kellhom x'jaqsmu mar-rapport.
b. memorandum li jgib id-data tat-30 ta' Mejju, 1975, indirizzat lil 'Restaurant/Bar Cashiers/Barmen/Barwaiters dwar il-procedura ghal Barmen.
c. estratt mill-'Collective Agreement' mal-'General Worker's Union dwar "unsatisfactory Work or Conduct'

/..........

7. Xhieda fil-qosor - l-appellant Joseph Mifsud - qal li hu f'dan l-incident kull ma ried jaghmel kien li jevita 'complaint' min klient u tah 'Ginger ale' minghajr ma ccarġjah tieghu. Spjega kif is-sistema li kien ghamel il-Management ma kienetx prattikabbli f'hinijiet ta' hafna xoghol u ghalhekk assuma certa responsabbilta, tah 'Ginger ale' b'xejn ghaliex il-'customer' gibidlu l-attenzjoni li l-Ginger ale haduhulu, u dan hu deherlu li ma kellux bzonn ta' awtorita tas-'superviser ghax deherlu li kienet ' 'awtomatika' ma ftakarx li qatt ra l-Memorandum li gie mahrug lil kull min kien koncernat dwar il-procedura tal-Falcon Bar fejn hu kien iservi, u inqas ma ftakar meta ezatt ippancja ic-'chit' jekk hux qabel jew wara li serva 'd-drink' izda stqarr le jekk ma mexiex skond l-procedura dan ma kienx biex 'jikser' l-procedura. Cahad li jekk l-'Head Barman' gieli gibidlu l-attenzjoni li ma kienx josserva l-pocedura, kif wkoll li kellu xi kuntatti mal-Kaxxiera li kienu 'on duty' dak in-nhar ta' l-incident u li pprova jinfluenzahom biex ma jaghmluhx hsara fix-xhieda taghhom waqt l-investigazzjonijiet li ghamlet il-Kumpanija

7.2 Emmanuel Zammit - Qal li meta jkun hemm hafna xoghol hu personalment isib il-procedura stabbilita hija difficili hafna biex jimxi maghha waqt 'pressjoni' ta' xoghol u ma jarahiex bi kbira jekk wiehed ikun nefaq xi ghoxrin lira li jghatuh ftit 'Ginger ale' b'xejn.

7.3 Anthony Galea - Qal li hu l-ewwel jinvestiga l-kaz u jiddiskutieh mas-'Superviser' tieghu u ikkonferma li kien jaf bil-Memorandum tat 30 ta' Mejju, 1975 dwar il-procedura.

7.4 Joseph Ebejer - Qal li bhala 'bar waiter' (mhux barman) dejjem jiehu awtorita' ta' xi hadd fuqu jekk ikollu jaghati xi 'mixer' B'xejn u jekk imhabba pressjoni ta' xoghol ma jippancjax ic-'chit' kif jinduna jmur biex jippancjahulu, izda "jrid jahrabli biex ma nippancjahx" ftakar wkoll li gieli gew ammoniti li l-'Management mhux ser jittolera nuqqas ta'procedura jew nuqqas ta' flus.

7.5 Christopher Vella - Qal li hu jimxi mal procedura izda ghal mistoqsija jekk ikollhu kaz li xi hadd lil'customer' hadlu l-'mixer' jew waqqaghulu hu jghatieh wiehed min jeddu.

/.. ......

Ftakar ukoll li l-procedura dejjem wissewhom biex isegwuha u li kien jaf bil procedura izda f'"rush'kbir ta' xoghol xi drabi wiehed ma jkunx jista' jsegwi l-procedura.

7.6 Walter Amato - Spjega li hu dejjem jara qabel ma jaghti b'xejn jekk hux kaz genwin u li l-procedura meta jkun hemm pressjoni ta' xoghol kbira hi diffikultuza izda qatt hadd mill-Management ma tah l-ebda awtorita' biex jikser il-procedura, u li hu jekk xi hadd jikkomplejnja, jghid lis-Supervisor, izda f'kazi eccezzjonali gie li anqas dan ma kien possibbli - dan pero ma kienx l-ordni tal-Management.

7.7 Alfred Consiglio - Qal li jaf bill-procedura fuq il-kontroll u li gibed l-attenzjoni ta Joseph Mifsud ghal din kemm-il-darba anki proprju lejliet l-incident ta' l-14 ta' Jannar, 1978 meta hadu ma ohrajn quddiem id-delegat tal-Union u spjegalu u qallhom "jien mhux ser nogghod nghajjat u nhambaq, l-ewwel wiehed li ser ifalli min dan il-procedura jiena lest biex immexxi l-kaz il-quddiem". Qal ukoll li quddiemu gieli l-Management gibdet l-attenzjoni tal l-istaff tal-Bar ghal procedura u wissiehom li mhux ser jittolleraw nuqqas ta procedura jew nuqqas ta' 'cash' u l-anqas 'disobedience of a lawful order'. F'dawn il-kazi l-appellant kien prezenti. Semma incident li darba l-appellant kellu ma kaxxier.

7.8 Ronnie Gaffiero - (Rapprezentant tal-Union u li ghandu x'jaqsam mat-taqsima tal-Falcon Bar). Spjega l-procedura fil bar u qal ukoll li lejliet l-incident il-Head Barman wissa lit-tlett barmen u li wiehed minnhom kien l-appellant Joseph Mifsud li min jikser kwalunkwe procedura jressqu l-quddiem u li gieli li l-Management widdeb lill-istaff tal Bar fuq din il-haga ukoll.

7.9 France Coleiro - Qal li gieli laqqghu lil haddiema kollha u hegguhom biex jghamlu xogholhom sewwa, li r-relazzjonijiet tal-Union mal Management dejjem kienu tajba u li kellhom numru konsiderevoli ta' kazi li b'negozjar u b'ragunar waslu ghal ftiehim mal Management. Ftakar li kien hemm disgha min nies li kienu gew mkeccija u fuq talba tal Union kienu regghu gew impjegati izda l-Management kienu ghamluha cara li dan kien l-ahhar kaz li tieghu hadu din l-attitudini.

/..........

7.10 Joseph Drury - Kaxxier tal Falcon Bar li kien jaqdi dmieru dik in-nhar ta' l-incident apparti milli kkonferma l-kontenut ta' l-istatement tieghu taz-17 ta' Jannar, 1978, (Dok G) qal li l-klient ordna 'brandy bil ginger ale' u rah jixorbu u li l-flixkun tal ginger kien gdid u shih u li l-klient ma ressaq ebda 'complaint' u li fuq ic-chit kien hemm immizzel brandy biss u ma kienx hemm 'mixer' immizzel fuq ic-chit u ghalhekk kif l-appellant tah ic-chit u l-flus mieghu mar fuq l-appellant u qallu 'daka ma hax mixer?' u l-appellant irrispondieh 'mhux naqra ha!' u li c-chit ma kienetx ippancjata. Ta dan kollu, kellu xhud ukoll. Qal li ma setghax ikun li lil-'guest' xi hadd hadlu l-flixkun tal 'ginger ' ghax l-guest kien ghadu kif dahal dak il-hin u ha drink wiehed biss. Qal ukoll li l-appellant gabar sittin centezmu u lilu (il-Kaxxier) tah biss hamsin u ra lill-appellant jitfa' ten cents fil but u mhux fit tazza tat-tips. Ikkonferma ukoll li dak il-hin ma kienx hemm xoghol kbir. Qal ukoll li l-appellant kien wasslu bil-karrozza u talbu biex jghinu biex ma jitkecciex. Fil-fatt kien qal lis-Sur Abela Fitzpatrick izda dak qallu int ghamilt dmirek issa l-kumplament kien dmir tieghu. Zied jghid li l-appellant kien qallu li jekk jirnexxilu jghinu kien ser ihallsu izda ix-xhud wiegbu li ma riedx. Zied jghid li l-appellant kien hemm meta ftit jien qabel l-incident is-Sur Consiglio kien wessa lill-istaff li mhux ser jaghmel tajjeb ghalihom izjed u li lil min jaqbad jirrapportah.

7.11 Raymond Spiteri - Ikkonferma l-istatement tieghu ta l-20 ta' Jannar, 1978 (Dok F) u qal li hu ra l-appellant iservi lil - 'guest' brandy u flixkun shih ginger ale, li l-klient ma ressaq ebda complaint, u li ra ukoll lill-appellant l-ewwel iservi id-drink mbaghad ipprepara c-chit, l-guest tah sixty cents u ta ic-chit 'not punched' lil-Kaxxier. Qal ukoll li l-appellant kien cempillu u talbu jaqbez ftit ghalih u talbu biex ma jaghtiex xhieda korretta. Qal ukoll li l-appellant gie li ma kienx jimxi mal-procedura u li darba heddu.

7.12 Victor Portelli - Qal li darba kien hemm incident fejn kien hemm disgha min nies involuti akkuzati b'nuqqas ta procedura u li l-Union qabzu ghalihom u dahlu lura ghax-xoghol b'certi

/...........

kondizzjonijiet u li ftehmu mal Management li dan mhux ser jikkostitwixxi precedent. Ikkonferma li l-messagg wassluh f'hafna okkazzjonijiet lil haddiema tal-Falcon Bar fejn kien impjegat l-appellant. Ftakar ukoll li darba kien hemm kaz li fih kien involut l-appellant izda imhabba raguni teknika fil-Collective Agreement il-Management ma setghax jiehu azzjoni dixxiplinarja. Zied jghid li l-Union wara li studjat il-kaz ta' l-appellant iddecidiet li ma tiddefendiehx. Qal ukoll li sa ftit jum qabel hadd mill-barmen ma kien ressaq xi'complaint' fuq il-procedura.

8. Sottomissjonijiet finali - L-appellant issottometta li kien minnu li hu ma mexhiex strettament mal-procedura ghax fil-fatt ma kienx ippancja ic-chit qabel ma serva l-klient. Izda sostna li dan ma ghamlu blebda intenzjoni hazina imma li mhabba x-xoghol ma kienx possibbli josserva l-procedura mhabba r-'rush' tax-xoghol ghax kien wahdu, infatti sostna li hafna barmen ohrajn kif instema fix-xhieda gieli ma setghux josservaw l-procedura strettament u dejjem irrespettivament mic-cirkostanzi. Sostna li dak in-nhar kien wahdu u ma setghax jimxi strettament mal procedura u li hu fisikament impossibbli li ssegwi l-procedura meta jkun hemm xoghol izjed min-normal bhal ma kien dik in-nhar ta' l-incident. Sostna li l-fatti kienu kif spjegahom fl-istatement of case u fix-xhieda tieghu li l-'ginger' tah b'xejn biex jevita 'complaint! Sostna li t-ten cents li l-klient tah extra tefaghhom mat-tips u li b'ebda mod ma iccargja 60 cents u ghadda lil-Kaxxier 50 cents biss. Sostna li l-kaxxiera fix-xhieda taghhom kienu inkonsistenti u qal, skond l-opinjoni tieghu, biex ma kienux konsistenti. Sostna li ma kien hemm ebda xhieda li hu talab lill-klient 60 cents u li kien dmir il-Kaxxier li jressaq in-nuqqas tieghu, jekk nuqqas kien hemm, quddiem il-Head Waiter dak in-nhar stess u kienet tigi solvuta l-kwistjoni dak in-nhar stess. Anki jekk fil-fatt hu naqas billi ha decezjoni hazina billi ta lil klient 'ginger' b'xejn dan ghamlu bl-ahjar intenzjoni fl-interess tal-lukanda stess.

8.2 Il-Kumpanija sostniet li l-procedura kienet cara u li hadd ma kellu l-awtorita biex jiksira jew li ma jimxix fuqha. Fuq kollox hadd ma kellu id-dritt jew jassumi id-dritt li (a) kien awtomatikament awtorizzat jaghti mixer b'xejn lill-klient sabiex jevita 'complaint' minflok ma jirreferi l-kaz lis-Supervisor (b) jikser arbitrarjament l-procedura tal 'punching'.

8.3 Sostniet li l-appellant fassal storja ta l-incident u ghalhekk kellu isostni din il versjoni b'xi xhieda. Dan ma ghamlux u anqas ma ssostanzja l-istorja tieghu - Dan seta

/..........

u kien facili li jaghmel dan billi itella il-waiters li kienu jahdmu dak in-nhar bhala xhieda. Fuq kollox ix-xhieda ta Drury kienet cara hafna fuq iz-zewg punti li fuqhom gie mkecci l-appellant, 'Onus probandi incumbit ei qui decit non ei qui negat'.

8.4 Sostniet li kien difficili li wiehed jemmen lill-appellant meta dan cahad li qatt kien jaf bill-procedura meta mix-xhieda deher car li fil fatt kien jaf, u li kien diga ingieb fuq akkuzi simili fil passat. Min barra dan il-kredibilita ta l-appellant ma tistax tigi accettata mhabba ghadd ta fatturi li semmew specifikatament.

8.5 Ix-xhieda li tella l-appellant kienu kawti anki fuq kif wiehed igib ruhu f'cirkostanzi specjali.

8.6 Illi ix-xhieda ta Drury u Raymon Spiteri kienu bizzejjed biex jippruvaw il-kaz ta gustifkazzjoni.

8.7 Illi l-appellant ammetta kemm li ma ippancjax qabel kemm ukoll li ta ginger li tieghu ma ic-cargjax izda dan irritena li ghamlu ghal gid tal-lukanda.

8.8 Illi galadarba l-procedura kienet stabbilita u mgharufa min kullhadd u kienet ila issehh hadd ma kellu id-dritt jiksira anqas fl-ebda cirkostanza specjalment minn min kien ga mwissi fuq din l-istess materja. Anki jekk il-procedura kienet, ghal grazzja ta l-argument, hazina, l-impjegati ghandhom dejjem jobdu il procedura 'stabbilita mill-Management li jifforma parti min kompless internazzjonali".

8.9 Il-Kumpanija sostniet bil qawwa kollha li minkejja l-fatt li l-ammont ta' 10 cents huwa zghir, dan kien fuq drink wiehed u dan ma tistghax il-kumpanija taghlaq ghajnejha wara hafna twissijiet bil-fomm u bil-miktub.

9. Fis-seduta tas-6 ta' Gunju, l-appellant fir-replika issottometta li hu kien taht zvantagg kbir ghax kellu, mhabba ic-cirkostanzi jaghmel il-kaz ghalih innifsu u anki ukoll li x-xhieda li tella u li seta' jtella kienu kollha imjegati tal-kumpanija u ghalhekk kellhom ta bil fors ikunu kawti u reticenti izda minkejja li kellu dawn l-isvantaggi hu irnexxielu jipprova li l-procedura hadd ma seta' jsegwiha dejjem f'kull cirkostanza u li meta jkun hemm 'complaint' kienet l-uzanza li jinghata mixer b'xejn biex jinzamm il-kwiet u sostna li lil-klient " xi hadd kien nehhilu l-ginger ale li kellu" u li l-incident kabbruh il Management ghal tal apposta meta dan seta' jigi spjegat dak il-hin stess. Sostna ukoll li hu kien barman wahdu u ma setghax ikun li is-Sibt ma kienx 'busy' hafna ghax ried iservi kemm lill-bar waiters kif ukoll lill-klienti min fuq il-counter.

10. Il-Kumpanija min-nahha l-ohra regghet sostniet li l-istorja imfassla mill-appellant ma kelliex bazi,ma kienetx sostnuta min ebda xhieda u li l-appellant ma setghax jigi emmnut la f'dak li qal fuq il-klient li ilminta li xi hadd hadlu 'ginger ale', la l- bar kien 'busy' f'dak il-mument, u anqas f'hafna affarijiet ohra. Ix-xhieda ta Drury u Spiteri kienet cara u spjegaw l-incident sewwa u kif kien preciz dik in-nhar. Il-Kumpanija spjegat ukoll li r-relazzjoni u l-kontroll tal-Kaxxier kienet taqa taht il-Comptroller u mhux il-Head Barman jew l-assistent tieghu, kif ried jaghti x'jifhem l-appellant lit-Tribunal.

.........

11. Il-Kumpanija sostniet li l-appellant kien jaf sewwa bil-procedura u dan ħareġ ċar anki mix-xhieda tiegħu stess apparti mix-xhieda abbondanti ta' l-oħrajn. Barra min hekk kienet il-prerogattiva tal-Management li jagħmel procedura li deher lilu li kienet fl-interess tal-kumpanija. Din il-procedura kienet is-seħħ minn Mejju 1975 u fuqha ma kien hemm ebda ilmint la min naħha tal-impjegati u anqas mill-union.

12. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Waqt li t-Tribunal japprezza l-qagħda u d-diffikultajiet li kellu l-appellant biex imexxi il-kaz tiegħu stess, ħaga li kellha ta bil-fors tkun skond l-Art 31 (2) tal-Att Nru XXX dwar r-Relazzjonijiet Industrijali ta 1976, it-Tribunal jasal għal ġudizzju skond ma jingħad fix-xhieda u l-provi li jingiebu quddiemu.

13. It-Tribunal ~~jirrefieri~~ jirritieni li ħadd mill-impjegati ma għandu ebda dritt li jikser procedura stabbilita mill-Management tal-Kumpanija. Fuq kollox gie abbondantement pruvat li din il-procedura kien jaf biha kullħadd inkluz l-appellant u repetutament l-impjegati gew imwessija biha u bil-konsegwenzi jekk jiksruha. Fuq kollox l-paragrafu 22 (g) tal- Collective Agreement bejn il-Union u l-Kumpanija jistabbilixxi "The following will be considered as just causes for instant suspension with pay pending investigation with the Union Representatives which could lead to dismissal without the need to serve three written warnings:
1. Stealing
2. ... omisses
3. ... "
4. ... "
5. ... "
6. ... "
7. ... "
8. Disobeying lawful orders.

14. It-Tribunal kellu jagħżel bejn it-tezi li sostna l-appellant u dik li sostniet il-Kumpanija. It-tezi tal-appellant ma gietx sostnuta b'ebda xhieda. Ħadd mix xhieda ma qal li sema lil-klient jgħid li xi ħadd ħadlu l-'ginger ale'. Ħadd mix-xhieda ma qal li dan il-klient kien qed jixrob fuq xi mejda u resaq fuq il-'Counter tal Bar' inqas li ha izjed min drink waħda, anqas li dan il-klient kien nefaq xi għoxrin lira jew xi somma oħra li wieħed seta jkun li għal ftit ginger ale wieħed ma kienx jiksira mieghu. Ix-xhud Drury qal ċar u tond li "il-klient kien għadu dieħel dak il-ħin" u zied jgħid "zgur li ha drink wieħed". It-Tribunal ma jistgħax jasal għal ebda konkuzjoni ħlief fuq ix-xhieda mismuħa u sostanzjata. Jekk kien hemm xi dubbju fuq ix-xhieda ta Drury u Ray Spiteri, il fatt li l-appellant avvicinhom biex jekk jista' jkun ma jgħarrquhx fix-xhieda tagħhom waqt l-investigazzjonijiet li għamlet il-kumpanija, issostni mhux idgħajjef it-tezi tal-kumpanija. Dan apparti min xhieda oħra li kellu it-Tribunal li affarijiet bħal dawn ta ksur tal-procedura il-kumpanija ma kienetx ser ittollerhom izjed anzi kienet ser tieħu mizuri dixxiplinarji serji fil-kaz ta ksur, u dan l-appellant kien jaf bihom.

/...........

15. Award

Għal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ma jsibx li it-temm tal-impjieg ta Joseph Mifsud mill-Malta Hilton Limited kien ingust, u b'hekk itemm dan il-kwistjoni tax-xogħol.

G A Craig
Chairman

S Grech
Segretarju

fp